MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 109/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Miriam Caruana (K.I. 14784M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tmien mija u sittax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€816.56) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici skont *Client Contract Number* 410282 in rigward ghal servizi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-30 ta’ Settembru, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitlub

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------